

Brussell, 23 ta' Frar 2024
(OR. en)

6822/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0180(NLE)**

ACP 23
WTO 23
RELEX 221
COAFR 72
FDI 17

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola - Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.
2. Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tat-TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10942/23, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb ta' tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.

¹ 10770/23 + ADD 1.

² 10771/23 + ADD 1.

³ 10940/23 (ippublikat fil-ĠU L, 2023/2209, 17.10.2023).

⁴ 10941/23 + COR 2.

3. Il-Ftehim ġie iffirmat fis-17 ta' Novembru 2023.
4. Fis-7 ta' Frar 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fl-20 ta' Frar 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 10942/23;
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew; u
 - jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq flimkien mat-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokumenti ST 10941/23 + COR 2 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.